



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2014
COM(2014) 495 final

2014/0227 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fit-18 ta' Marzu 2014 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex fisem l-Unjoni Ewropea tibda negozjati mal-Gżejjer Faeroe bil-għan li tikkonkludi Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

In-negozjati bejn iż-żewġ partijiet tlestew u ssarrfu fl-abbozz ta' ftehim mehmuż, li jikkonforma mad-direttivi tan-negozjati maħruġa mill-Kunsill.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

- jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll fisem l-Unjoni Ewropea.

2. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hi bbażata fuq l-Artikoli 186 u 218(5) u 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-Artikolu 218(5) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ("Orizzont 2020").
- (2) Fit-18 ta' Marzu 2014 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex fisem l-Unjoni tibda negozjati mal-Gżejjer Faeroe bil-għan li tikkonkludi Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020.
- (3) Dawn in-negozjati tlestew b'suċċess, u soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni Ewropea.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni filwaqt li soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim li jrid jiġi ffirmat hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ biex jiġi ffirmat il-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuni indikati min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

1.2. L-oqsma tal-politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB²

L-Istrateġija tal-politika u l-koordinazzjoni tad-Direttorati Ġenerali RTD, JRC, AGRI, EAC, CNECT, ENER, ENTR u MOVE.

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

- ☒ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida**
- ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja³**
- ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**
- ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni direzzjonata mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. L-għan(ijiet)

1.4.1. L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni mmirati bil-proposta/inizjattiva

Li tassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020). Il-parteciċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe f'Orizzont 2020 bħala pajjiż assoċjat għandha titqies li qed tissokta l-parteciċipazzjoni tagħhom fis-Seba' Programm Kwadru.

1.4.2. L-għanijiet speċifiċi u l-attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati

Għan speċifiku

Attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati

Sabiex tissaħħaħ it-tmexxija industrijali u l-kompetittività tal-UE f'kuntest globali u tkompli tiżdied l-eċċellenza tar-riċerka tal-UE.

² ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività – ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

³ Kif jissemma fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija*

Semmi l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

B'dan il-Ftehim, il-Gżejjer Faeroe u l-Unjoni jistgħu jiksbu benefiċċju reċiproku bil-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 - il-Programm Qafas il-ġdid tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u jaġġornaw u jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom f'oqsma ta' interess xjentifiku u teknoloġiku komuni.

1.4.4 *L-indikaturi u r-riżultati u l-impatt*

Semmi l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

- l-għadd ta' proposti li ressqu l-Gżejjer Faeroe meta mqabbel mal-għadd ta' proposti magħżula għall-finanzjament minn Orizzont 2020, kemm b'kollox u anki skont il-pilastru differenti ta' Orizzont 2020;
- l-għadd ta' applikanti mill-Gżejjer Faeroe fil-proposti mressqa u aċċettati għall-finanzjament;
- l-għadd ta' entitajiet mill-Gżejjer Faeroe li kisbu finanzjament u s-sehem tal-fondi miksuba fil-programm speċifiku Orizzont 2020 meta mqabbel mal-parteċipazzjoni relativa tal-Gżejjer Faeroe f'dak il-programm.
- l-għadd ta' ftehimiet ta' għotja tal-Gżejjer Faeroe li ġew iffirmati.

1.5. **Il-bażi għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew fit-tul*

B'din id-Deċiżjoni, il-Gżejjer Faeroe se jkunu jistgħu jieħdu sehem f'ħafna mis-sejthiet għall-proposti ta' Orizzont 2020 bħala pajjiż assoċjat, u l-entitajiet tar-riċerka tagħhom jistgħu jintgħażlu biex jiksbu finanzjament. Dawn jeħtiġilhom iħallsu kontribuzzjoni finanzjarja biex jiżguraw l-istatus ta' assoċjazzjoni.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involvement tal-UE*

Il-Gżejjer Faeroe iħallsu kontribuzzjoni finanzjarja kull sena biex jieħdu sehem bħala pajjiż assoċjat, u din tiżdied mal-baġit tal-UE.

Din il-koperazzjoni, imbagħad, se tgħin għall-eċċellenza xjentifika u għall-kompetittività tal-Unjoni, peress li l-Gżejjer Faeroe huma ġar qrib ħafna tal-UE, min-naħa tat-Tramuntana tal-Ewropa.

1.5.3. *It-tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-Gżejjer Faeroe ġew assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru tar-Riċerka tal-UE (l-FP7) fl-2010. Għalhekk dan midħla sew tal-koperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni mal-UE u jistgħu jibnu fuq il-proġetti u l-azzjonijiet li rnexxew u li nġhataw bl-FP7.

1.5.4. *Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Orizzont 2020 hu kompatibbli ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni.

1.6. **It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju**

☒ Proposta/inizjattiva li għandha **tul taż-żmien limitat**

– ☒ Il-proposta/inizjattiva tkun fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ☒ L-impatt finanzjarju jkun mill-01/01/2014 sal-31/12/2023

☐ Proposta/inizjattiva li għandha **tul taż-żmien bla limitu**

- L-implimentazzjoni jkollha perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,
- u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Il-metodu/i ppjanati tal-immaniġġjar⁴

Mill-baġit tal-2014

☒ **Immaniġġjar dirett** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☒ mill-aġenziji eżekuttivi;

☐ **Immaniġġjar kondiviż** mal-Istati Membri

☒ **Immaniġġjar indirett** billi jiġu delegati l-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

- ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;
- ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☒ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ korpi li jissemmew fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni tas-servizz pubbliku safejn dawn ikunu jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jkunu jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat UE u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed tal-immaniġġjar, agħti aktar dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

2. IL-MIŻURI TAL-IMMANIĠĠJAR

2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

Semmi l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni se tevalwa b'mod regolari l-azzjonijiet kollha li jsiru skont il-Ftehim, u li jkunu soġġetti wkoll għal monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fil-Kumitat għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE u l-Gżejjer Faeroe, kif jistabbilixxi l-Artikolu 4 tal-Ftehim. Din l-evalwazzjoni se tkopri:

a) Indikaturi tal-prestazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-Programm Speċifiku Orizzont 2020:

- l-għadd ta' proposti li ressqu l-Gżejjer Faeroe meta mqabbel mal-għadd ta' proposti magħżula għall-finanzjament minn Orizzont 2020, kemm b'kollox u anki skont il-pilastru differenti ta' Orizzont 2020;
- l-għadd ta' applikanti mill-Gżejjer Faeroe fil-proposti mressqa u aċċettati għall-finanzjament;

⁴

Id-dettalji dwar il-metodi tal-immaniġġjar u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

- l-għadd ta' entitajiet mill-Gżejjer Faeroe li kisbu finanzjament u s-sehem tal-fondi miksuba fil-programm speċifiku Orizzont 2020 meta mqabbel mal-parteċipazzjoni relattiva tal-Gżejjer Faeroe f'dak il-programm.

- l-għadd ta' ftehimiet tal-għotja li jsiru ma' entitajiet mill-Gżejjer Faeroe.

b) Ġbir ta' informazzjoni:

Abbażi tad-dejta mill-programm Orizzont 2020, meta tintalab u abbażi tal-informazzjoni skambjata fil-Kumitat tal-UE u l-Gżejjer Faeroe.

c) Evalwazzjoni ġenerali:

Fid-dawl ta' kemm ittul l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020, il-Kummissjoni se tevalwa l-parteċipazzjoni ġenerali tagħhom.

2.2. Is-sistema tal-immaniġġjar u tal-kontroll

2.2.1. Ir-riskji identifikati

Ma ġie identifikat l-ebda riskju.

2.2.2. Informazzjoni dwar l-istruttura tas-sistema tal-kontroll intern

L-Anness III tal-Ftehim jispeċifika r-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gżejjer Faeroe għal Orizzont 2020.

Il-Ftehim jaħseb għal reviżjoni (abbażi tad-dejta dwar il-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali tal-Gżejjer Faeroe f'azzjonijiet indiretti u diretti minn Orizzont 2020 matul il-perjodu 2014-2016) tal-fattur ta' proporzjonalità li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gżejjer Faeroe għall-Programm. Din ir-reviżjoni trid issir fir-raba' sena ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Mhux applikabbli

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Semmi l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Dawn il-miżuri huma stabbiliti fl-Anness IV tal-Ftehim dwar il-kontroll finanzjarju tal-parteċipanti mill-Gżejjer Faeroe fil-Programm kopert mill-Ftehim.

Meta l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas titlob l-użu ta' kuntratturi esterni jew tinvolvi l-għoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji lil partijiet terzi, il-Kummissjoni se twettaq verifiki finanzjarji, fejn xieraq, b'mod partikolari jekk ikollha raġuni biex tiddubita n-natura realistika tax-xogħol imwettaq jew deskritt fir-rapporti tal-attività.

Il-verifiki finanzjarji tal-Unjoni se jagħmilhom il-persunal tagħha stess jew esperti tal-kontabbiltà approvati skont il-liġi tal-parti li tkun qed issirilha l-verifika. Lil dawn tal-aħħar, l-Unjoni se tagħżilhom mingħajr indħil, filwaqt li se tevita kull riskju ta' kunflitt ta' interess li tista' tiġbdilha l-attenzjoni dwaru l-parti soġġetta għall-verifika. Barra minn hekk, meta twettaq l-attivitajiet tar-riċerka, il-Kummissjoni se tiżgura li jiġiharsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'verifiki effettivi u, meta jinstabu xi irregolaritajiet, b'miżuri u penali deterrenti u proporzjonati.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan, f'kull kuntratt li jintuża fl-implimentazzjoni tal-Programm Qafas se jiddaħħlu regoli dwar il-verifiki, il-miżuri u l-penali, b'referenza għar-Regolamenti Nru 2988/95, Nru 2185/96 u Nru 883/2013.

B'mod partikolari, fil-kuntratti għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dwar dawn il-punti:

- l-introduzzjoni ta' klawżoli kuntrattwali speċifiċi li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE fit-twettiq ta' verifiki u kontrolli li għandhom x'jaqsmu max-xogħol imwettaq;
- it-twettiq ta' verifiki amministrattivi bħala parti minn miżuri kontra l-frodi, skont ir-Regolamenti Nru 2185/96 u Nru 883/2013;
- l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi għal kull irregolarità fl-implimentazzjoni tal-kuntratti, kemm jekk tkun intenzjonata jew b'negliġenza, skont ir-Regolament Qafas Nru 2988/95, inkluż mekkaniżmu għar-reġistrazzjoni f'listi suwed;
- il-fatt li d-deċiżjonijiet li tiegħu l-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 299 tat-TFUE biex tinforza l-irkupru tal-ammonti dovuti u mhux imħallsa mill-benefiċjarji tal-Gżejjer Faeroe għall-parteċipazzjoni tagħhom f'Orizzont 2020, se jiġu infurzati fil-Gżejjer Faeroe.
- Barra minn hekk u bħala miżura ta' rutina, il-persunal responsabbli tad-DĠ għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se jieħu ħsieb iwettaq programm ta' kontroll fejn jidħlu l-aspetti xjentifiċi u baġitarji; l-Unità tal-Awditjar Intern tad-DĠ għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se tiegħu ħsieb tagħmel awditjar intern; u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri se tagħmel spezzjonijiet lokali.

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru Intestatura	Diff./mhux -diff. ⁽⁵⁾	minn pajjiżi tal-EFTA ⁶	minn pajjiżi kandidati ⁷	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	08.01.05 08.01.05.01 08.01.05.03	mhux-diff.	IVA	IVA	IVA	IVA

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...] [Intestatura.....]	Diff./mhux -diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[...][XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁵ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux-Diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati

⁶ L-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁷ Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	1a	Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi
--	----	--

Id-DĠ: <.....>			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1)								
	Pagamenti	(2)								
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁸										
Numru tal-linja baġitarja 08 01.05		(3)	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.609
Numru tal-linja baġitarja 08.01.05.01		(4)	0.082	0.082	0.082	0.082	0.082	0.082	0.082	0.574
Numru tal-linja baġitarja 08.01.05.03		(5)	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.035
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(6)								
	Pagamenti	(7)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(8)	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.609
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=6+8	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.609

⁸ Ghajnuha u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

għall-INTESTATURA 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	=7+8	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.609
--	-----------	------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--------------

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	-------------------------

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Is-sena N	Is-sena N+1	Is-sena N+2	Is-sena N+3	Dahhal kemm hemm bżonn snin biex turi it-tul tal-impatt (ara l- punt 1.6)	TOTAL
Id-DĠ: <.....>							
• Riżorsi umani							
• Nefqiet amministrattivi oħrajn							
TOTAL tad-DĠ <.....>	Appropriazzjonijiet						

TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali Pagamenti totali) =	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.084
---	--	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--------------

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.693
	Pagamenti	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.693

3.2.2. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprijazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet tal-impenji f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-ghanijiet u r-riżultati ↓			Is-sena N		Is-sena N+1		Is-sena N+2		Is-sena N+3		Dahhal kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	RIŻULTATI																	
	Tip ⁹	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPECĊIFIKU Nru 1 ¹⁰ ...																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPECĊIFIKU NRU 2 ...																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

⁹ Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jingħataw (eż: l-għadd ta' skambji tal-istudenti li jiġu ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
¹⁰ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiċi..."

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
--	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.084
Riżorsi umani								
Nefqiet amministrattivi oħrajn								
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.012	0.084

Barra l-INTESTATURA 5¹¹ tal-qafas finanzjarju pluriennali	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	
Riżorsi umani	0.082	0.082	0.082	0.082	0.082	0.082	0.082	0.574
Nefqiet oħrajn ta' natura amministrattiva	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.035
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.087	0.609

TOTAL	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.099	0.693
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

L-appropriazzjonijiet tar-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew reġgħu ġew allokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed jimmaniġġja l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

¹¹ Għajjuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid titniżżel f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
• Il-karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)	0.75	0.75	0.75	0.75	0.75	0.75	0.75
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Il-persunal estern (f'unità ekwivalenti għal full-time: FTE)¹²							
XX 01 02 01 (CA, SNE, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (CA, LA, SNE, INT u JED fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ss ¹³	- f i l l - K w a r t i e r i Ġ e n e r a l i						
	- D e l e g a z z j o n i j i e t						

¹² CA = Persunal Kuntrattwali; LA = Persunal Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal mill-aġenziji; JED = Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet.

¹³ Is-sottolimitu għall-persunal estern li jkopri l-appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li qabel kienu l-linji "BA").

	e t							
XX 01 05 02 (CA, SNE, INT - Riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħra (speċifika)								
TOTAL								

XX hija l-qasam ta' politika jew titolu baġitarju kkonċernat

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-persunal tad-DĠ li diġà hu assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew li reġa' nġhata kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed jimmaniġġja l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazżjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Preparazzjoni tal-laqqgħat tal-Kumitat Konġunt prevista fl-Artikolu 4 tal-Ftehim, u bosta missjonijiet bil-għan li jiżguraw il-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti tal-Ftehim, kif ukoll analiżi regolari u segwitu tal-Ftehim.
Persunal estern	

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

- ☒ Il-proposta/inizjattiva hi kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew revizzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali¹⁴.

3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament mingħand partijiet terzi.
- Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Is-sena N	Is-sena N+1	Is-sena N+2	Is-sena N+3	Dahhal kemm hemm bżonn snin biex turi it-tul tal-impatt (ara l- punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approporzjonijiet kofinanzjati								

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☒ Il-proposta/inizjattiva għandha dan l-impatt finanzjarju:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☒ fuq id-dħul mixxellanju

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approporzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	L-impatt tal-proposta/inizjattiva ¹⁵						
		Is-sena N 2014	Is-sena N+1 2015	Is-sena N+2 2016	Is-sena N+3 2017	2018	2019	2020
L-Artikolu 6013	<i>pm</i>	1.262	1.335	1.427	1.521	1.610	1.719	1.879

* L-ammonti għall-2014-2020 huma f'miljuni ta' EUR u meqjusa bħala ċifri indikattivi. Il-kontribuzzjoni finalment mitluba se tqis il-korrezzjonijiet li saru tul is-sena ta' qabel.

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, semmi l-linji baġitarji tan-nefqa affetwati.

¹⁴ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali (għall-perjodu 2007-2013).

¹⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li jitnaqqsu 25% tal-kostijiet tal-ġbir.

Semmi l-metodu li jikkalkola l-impatt fuq id-dħul.

Il-linji baġitarji: 02.045001, 05.095001, 06.035001, 08.025001, 09.045001, 10.025001, 15.035001, 32.045001 u l-appropriazzjonijiet akkumulati minn kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiż terz (jiġifieri li mhux fiż-Żona Ekonomika Ewropea) għal Orizzont 2020.

Il-kontribuzzjoni tal-Gżejjer Faeroe għal Orizzont 2020 se tkun proporzjonata mal-PDG tagħhom kif imqabbel ma' dak tal-UE28. Dawn il-proporzjonijiet għandhom jiġu kkalkulati skont l-aktar dejta statistika riċenti tal-Eurostat, li tkun disponibbli fi żmien il-pubblikazzjoni tal-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-istess sena.

Il-fattur ta' proporzjonalità li nkiseb għall-2014 hu 0.014%.

Għall-2014, il-kontribuzzjoni stmata għall-Programm Qafas Orizzont 2020, ibbażata fuq il-PDG tal-2012 (sors: il-Eurostat) bil-prezzijiet tas-suq hi EUR 1.263 miljun.

Il-PDG tal-UE28	12,967,102.60
Il-PDG tal-Gżejjer Faeroe,	1,810.30
Proporzjon	0.014%

Kontribuzzjoni Stmata (f'miljuni ta' EUR)

Is-sena	Baġit	Total tal-kontribuzzjoni stmata
2014	9,043.6	1.263
2015	9,560.0	1.335
2016	10,223.7	1.427
2017	10,893.8	1.521
2018	11,532.0	1.610
2019	12,317.5	1.719
2020	13,462.6	1.879
Total	77,033.2	10.754